2025/1500

24.7.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/1500

tat-23 ta' Lulju 2025

dwar il-lista ta' Stati li huma kkunsidrati li qed japplikaw il-CORSIA għall-finijiet tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għall-emissjonijiet fl-2025

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva 96/61/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 25a(3) tagħha,

Billi:

(1) L-attivitajiet tal-avjazzjoni huma inklużi fis-sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni ("EU ETS") stabbilita bid-Direttiva 2003/87/KE.

(2) Id-Direttiva (UE) 2023/958 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) emendat id-Direttiva 2003/87/KE biex timplimenta b'mod xieraq l-Iskema ta' Kumpens u Tnaqqis tal-Karbonju għall-Avjazzjoni Internazzjonali ("CORSIA", Carbon Offsetting and Reduction Scheme for International Aviation) tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali ("ICAO", International Civil Aviation Organization).

(3) Skont l-Artikolu 25a(3) tad-Direttiva 2003/87/KE, il-Kummissjoni għandha tadotta lista ta' Stati, għajr il-pajjiżi taż-ŻEE, l-Iżvizzera u r-Renju Unit, li huma kkunsidrati li qed japplikaw il-CORSIA għall-finijiet tad-Direttiva 2003/87/KE, b'linja bażi tal-85 % tal-emissjonijiet tal-2019 għal kull sena mill-2024. Dik id-Direttiva eskludiet lill-pajjiżi taż-ŻEE, lill-Iżvizzera u lir-Renju Unit minn tali lista ta' Stati minħabba li r-rotot bejn dawk il-pajjiżi jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-iskemi rispettivi tagħhom għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet.

(4) Fir-rigward tal-2025, l-inklużjoni ta' Stat fil-lista ta' Stati meqjusa li qed japplikaw il-CORSIA għall-finijiet tad-Direttiva 2003/87/KE hija bbażata fuq in-notifika mill-Istat li għandu l-intenzjoni li japplika l-CORSIA għall-emissjonijiet fl-2025, u tali notifika ssir lis-Segretarjat tal-ICAO. Is-Segretarjat tal-ICAO jippubblika lista annwali ta' Stati li jkunu għamlu tali notifika. Biex tirrifletti l-bidliet f'dawk il-listi ppubblikati annwalment, il-Kummissjoni għandha tadotta kull sena lista ta' Stati, għajr il-pajjiżi taż-ŻEE, l-Iżvizzera u r-Renju Unit, li jitqiesu li qed japplikaw il-CORSIA għall-finijiet tad-Direttiva 2003/87/KE.

(5) Il-lista ta' Stati meqjusa li qed japplikaw il-CORSIA ppubblikata mis-Segretarjat tal-ICAO għall-2025 tinkludi lil San Marino u Monaco. Madankollu, jenħtieġ li San Marino u Monaco ma jiġux inklużi fl-Anness ta' dan ir-Regolament peress li ma għandhom l-ebda ajruport u ma kienet qed issir l-ebda titjira li tinvolvi rotot li għalihom qed tiġi applikata l-CORSIA għall-finijiet tad-Direttiva 2003/87/KE.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima,

([1]) ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2003/87/oj.
([2]) Id-Direttiva (UE) 2023/958 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE fir-rigward tal-kontribut tal-avjazzjoni għall-mira għat-tnaqqis tal-emissjonijiet għall-ekonomija kollha tal-Unjoni u tal-implimentazzjoni xierqa ta' miżura globali bbażata fuq is-suq (ĠU L 130, 16.5.2023, p. 115, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2023/958/oj).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-lista tal-Istati li jitqiesu li qed japplikaw il-CORSIA għall-finijiet tad-Direttiva 2003/87/KE għall-emissjonijiet fl-2025 hija stabbilita fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Lulju 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Lista ta' Stati li huma kkunsidrati li qed japplikaw il-CORSIA għall-finijiet tad-Direttiva 2003/87/KE għall-emissjonijiet fl-2025

1.	L-Afganistan
2.	L-Albanija
3.	Antigua u Barbuda
4.	L-Armenja
5.	L-Awstralja
6.	L-Ażerbajġan
7.	Il-Bahamas
8.	Il-Bahrain
9.	Barbados
10.	Il-Belize
11.	Il-Benin
12.	Il-Bożnija-Ħerzegovina
13.	Il-Botswana
14.	Il-Burkina Faso
15.	Il-Kambodja
16.	Il-Kamerun
17.	Il-Kanada
18.	Comoros
19.	Il-Gżejjer Cook
20.	Il-Costa Rica
21.	Il-Kosta tal-Avorju
22.	Kuba
23.	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo
24.	Ir-Repubblika Dominicana
25.	L-Ekwador
26.	El Salvador
27.	Il-Guinea Ekwatorjali
28.	Il-Gabon
29.	Il-Georgia
30.	Il-Ghana
31.	Grenada
32.	Il-Gwatemala
33.	Il-Guyana
34.	Il-Haiti

35.	Il-Honduras
36.	L-Indonežja
37.	L-Iraq
38.	Iżrael
39.	Il-Ġamajka
40.	Il-Ġappun
41.	Il-Każakistan
42.	Il-Kenja
43.	Kiribati
44.	Il-Kuwajt
45.	Madagascar
46.	Il-Malawi
47.	Il-Malażja
48.	Il-Maldivi
49.	Il-Mali
50.	Il-Gżejjer Marshall
51.	Il-Mauritania
52.	Mauritius
53.	Il-Messiku
54.	Il-Mikronežja
55.	Il-Moldova
56.	Il-Montenegro
57.	In-Namibja
58.	Nauru
59.	New Zealand
60.	In-Niġerja
61.	Il-Maċedonja ta' Fuq
62.	L-Oman
63.	Palau
64.	Papua New Guinea
65.	Il-Filippini
66.	Il-Qatar
67.	Ir-Rwanda
68.	Saint Kitts u Nevis
69.	Santa Lucia
70.	Saint Vincent u l-Grenadini
71.	Samoa

72.	L-Arabja Sawdija
73.	Is-Serbja
74.	Is-Seychelles
75.	Sierra Leone
76.	Singapore
77.	Il-Gżejjer Solomon
78.	Il-Korea t'Isfel
79.	Is-Sudan t'Isfel
80.	Is-Suriname
81.	It-Tanzanija
82.	It-Tajlandja
83.	Il-Gambja
84.	Timor Leste
85.	Tonga
86.	Trinidad u Tobago
87.	It-Turkija
88.	Tuvalu
89.	L-Uganda
90.	L-Ukrajna
91.	L-Emirati Għarab Magħquda
92.	L-Istati Uniti
93.	L-Urugwaj
94.	Vanuatu
95.	Iż-Żambja
96.	Iż-Żimbabwe